**Il-Wieħed u Għoxrin Lezzjoni: Fil-Quddiesa ningħaqdu ma’ Ġesu' u bejnietna**

- Fil-quddiesa lil Alla noffrulu r-rigali tagħna. Fuq kollox noffrulu lil ibnu Ġesu'. Aħna nirċievu lil Ġesu' fina permezz ta’ l-ostja mqaddsa waqt it-tqarbin.
- Mingħajr ikel u xorb il-ġisem tagħna ma jkunx jista’ jaħdem tajjeb. Jekk ma nieklux u nixorbu kemm hemm bżonn nistgħu immutu.
- Dak li l-ikel jagħmel għal ġisimna, Ġesu' fit-tqarbin ikun irid jagħmlu għal ħajjitna.
- Ġesu' qalilna: *Jien hu l-ħobż ħaj li niżel mis-sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem. Min jiekol ġismi u jixrob demmi, jibqa’ fija u jiena fih... Min jiekol ġismi, hu wkoll jgħix bija*.
- Fit-tqarbin aħna ninbidlu f’Ġesu'. Għalhekk għat-tqarbin għandna nersqu fis-skiet u l-ġabra sabiex inkunu nistgħu nagħtu l-aqwa qima lil Ġesu'.
- Tajjeb ħafna li qabel nitqarbnu, immorru nqerru d-dnubiet kollha tagħna speċjalment id-dnubiet il-kbar. Dan għaliex hija ħaġa tassew sabiħa li nersqu għat-tqarbin b’qalbna safja minn kull dnub.
- Fit-tqarbin Ġesu' mhux biss jgħaqqadna miegħu imma jgħaqqadna flimkien bejnietna. Aktar ma nsiru nixbhu lil Ġesu', aktar ikun hemm imħabba u għaqda bejnietna.

- Fil-quddiesa hemm numru ta’ okkażjonijiet fejn nuru din l-għaqda:
  - Meta flimkien ngħidu l-Missierna
  - Meta nagħtu l-paċi lil xulxin
  - Meta nistqarru l-istess fidi waqt il-Kredu
  - Meta nitolbu u nkantaw flimkien
  - Meta noħorġu għat-tqarbin f’purċissjoni waħda.